KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 26

Is-sitta u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 11 ta' Gunju 2014 fis-6.13pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 25_27/05/2014.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 1.17 u talab korrezzjoni li tgħid 'li parti t'isfel jew ta' fuq tissemma għas-Surmast'. *Korrezzjonijiet*

1.3 Is-Sindku qal li sadanittant tkellem ma persuni li kkonfermawlu li se jkunu parti mil-bord dwar it-tismjia tat-toroq, fosthom tibdil ta' l-isem ta' Pjazza Annunzjata. Dawn huma T. Terribile, W. Zammit u E. Said. *Bord- Tismija ta' toroq*

1.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.8 u talab korrezzjoni li tgħid 'mhux qed jaqbel li l-ħsara li hemm hija kif qed isemmu l-Alberta.' *Korrezzjonijiet*

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.16 u qal li l-Kunsilliera għandhom jirċievu kontenut tal-*agreement* propost mal-*Add More Colours*. Il-Kunsill għandu jingħata terminu ta' jumejn u jekk il-Kunsilliera ma jibgħatux *feedback* il-Kunsill għandu jmexxi bl-*agreement*.

*Daħlet il-Kunsilliera V. Galea Pace (18.20)*

1.6 Dwar it-tiswija tal-barriers fi Triq Bisazza s-Segretarju Ezekuttiv saqsa jekk il-Kunsill għandux isewwi xorta minkejja li Triq Bisazza tista tinfetaħ għall-pubbliku. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għad m'għandu xejn uffiċjali dwar dan. Kunsill qabel li tisewwa mill-Alberta. *Barriers – Triq Bisazza*

1.7 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 5.1 u qal li f'dan il-punt trid tiġi inkluza *Tas-Sliema Day*.

1.8 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti 25_27/05/2014 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku irrefera għall-ħsara li kienet saret fi Triq San Karlu minn kuntrattur. Is-Sindku informa li r-resident tħallas u l-kont tal-kuntrattur ġie mnaqqas. *Triq San Karlu*

2.2 Is-Sindku informa li d-dokumenti biex ikun jista joħroġ it-tender tal-perit se jiġi diksuss fil-kumitat tal-offerti pubbliċi. *Tender tal-Perit*

2.3 Dwar it-tender tal-Milied is-Segretarju Ezekuttiv saqsa jekk il-Kunsill għandux jiddiskuti u joħroġ tender jew kif kien issuġġerixxa l-Kunsillier J. Pillow li jinxtraw id-dwal tal-Milied. *Tender – Dwal tal-Milied*

2.4 Is-Sindku fakkar li minkejja l-flus li ħriġna s-sena l-oħra xorta kellna kritika u l-*Sliema Business Community* talbu li t-tizjin jinbiddel kull tlett snin. Il-Kunsill m'għandux flus għal dan.

2.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet li l-Kunsill għandu jagħmel l-

kundizzjonijiet u jekk ma jaqblux ma nohorġux flus.

2.6 Is-Segretarju Ezekuttiv issuġerixxa li jitlob lill-Ministeru biex jagħti s-sehem tiegħu u l-Kunsill jixtri ftit ukoll u kull sena jzid xi ħaġa bir-*rope lights*. Il-Kunsillier J. Pillow qabel u ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu ħsieb l-fustun u l-Ministeru d-dizinji.

2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill min-naħa l-oħra irid jaħseb ukoll min se jarma u jzarma, min se jżomm it-tizjin matul is-sena u l-kontijiet tad-dawl etc.,

2.8 Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa ma *Sliema Business Community* u tittieħed deċizjoni fis-seduta li jmiss, wara li ukoll jiltaqa il-Kumitat Offerti Publici.

2.9 Is-Sindku informa li x-xogħol fil-playing fields qiegħed jasal lejn l-aħħar. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill kollu ikun prezenti għall-ftuħ. Is-Sindku informa wkoll li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Buontempo dwar il-Gnien Bonello Dupuis sabiex ikunu jistgħu jitnaqqsu l-kontijiet tal-ARMS. Ġie diskuss ukoll li s-Segretarjat se joffri lill-Kunsill madwar ħames t'elef ewro għal bandli godda ta' Gnien Indipendenza, liema flus ser jintefu fix-xiri ta' *dustbins*. Kien hemm qbil ma dan kollu li l-proġett jibqa tal-Kunsill. Ġie deċiż li l-ftuħ uffiċjali jsir nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 2014 fis-7pm, sakemm ma jinqalawx materji ulterjuri. *Tas-Sliema Playing Fields*

2.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-attivita li saret mill-Balluta fejn qalgħu il-bankijiet u ħallew il-boltijiet jiġru. Il-Kunsill għandu jikteb lill-President fejn ninfurmaw bin-nuqqasijiet kif ukoll ninfurmaw li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jnaqqas mil-kontribut. Kien hemm ukoll li l-NGO's jorganizzaw attivita bl-ikel għandu jibda jiġi mitlub garanzija ta' Ewro 200. *Attivitajet minn NGO's*

2.11 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar għar-rapport tal-ħsara li hemm fil-bollards li kellna nirċievu mill-Alberta. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li hu reġa talbu izda l-Kunsill għadu ma rċeviehx. *Bollards*

2.12 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar fid-*deadline* tal-fuljett u qal li jkollu jmexxi bl-artikli li jkunu daħlu biex ikun jista joħroġ fil-ħin. Il-Kunsill qabel li min ma jżommx mad-deadline ma jiġix inkluż fil-fuljett. *Magazine*

2.13 Dwar il-bord tal-għażla għall-iskrivani tal-Kunsill, il-Kunsill ġie infurmat li minn 28 applikant ġew *shortlisted* 7. Il-Bord hadem b'sistema ta' punti u qabel fuq zewġ applikant li huma: Martine Cutajar minn Tas-Sliema u Melody Ann Caruana Smith mill-Isla. Kien hemm qbil li waħda għandha tidħol fi zmien ġimgħatejn u t-tieni waħda tidħol aktar tard. *Skrivani tal-Kunsill*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-LK Ltd u qal li l-kuntrattur mhux qiegħed jagħmel xogħol ta' kwalita tajba u mhux *up to standard*. Qal ukoll li suppost il-Kunsill għandu jagħti ezempju u mhux il-Kuntratturi jħalli inġenji fit-toroq ecc. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kienu diġa kellmu lill-kuntrattur u għandu jbiddel l-atteġjament.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament pagabbli lil Gafa Saveway minħabba li din il-kumpanija kienet ġiet imwaqqfa mid-Dipartiment tal-kuntratti. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din ġiet *cleared*, informa wkoll li dawn talbu għaz-zieda tal-COLA u qal li l-Kunsill m'għandux iħallas għal dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal kont numru 28 pagabbli lill Philip Agius and Sons. Il-Kunsill qabel li għandu jnaqqas l-ammont ta' *traffic maintenance aids.*

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar kont numru 33 pagabbli lill-Alberta. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawn kienu *faults* antiki ta' sentejn.

3.5 Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm approvazzjoni mill-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.7 Il-Kunsill ġie infurmat li Tigne (taħt The Point) hemm *swimming zone* tal-klieb u hemm biċċa li l-klieb jiġu jgħumu man-nies. Il-Kunsill għandu jirranġa. Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill kellu jpoġġi tip ta' materjal mal-blat biex il-kelb ikun jista jiggranfa biex jitla mil-baħar. Swimming Zone (Klieb)

3.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal toqba li hemm Tigne (Fortina) li kull darba din qegħda tikber minħabba l-mewġ għoli li jkun hemm u din qegħda issir aktar perikoluza. Il-Kunsill għandu jirranġa. Periklu

3.9 Il-Kunsill qabel li għandu jtella lil-Roanna Fenech u Daniel Micallef *top noche* tal-iskala tagħhom.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li l-Kunsill jirrestawra l-ħajt li hemm fil-*Playing Fields* speċjalment li issa l-Kunsill se jłesti proġett. Kien hemm qbil dwar dan u li jrid jitlesta qabel il-ftuħ. *Restawrazzjoni ta' Hajt*

4.2 Kien hemm talba minn Stella Maris sabiex jitpoġġa monument. Il-Kunsilli talab għal qisien. *Talbiet*

4.3 Il-Kunsill qabel li jippublika ktejjeb dwar iċ-ċentinarju tal-Għaqda Stella Maris. Gie miftiħem li tintgħazel l-irħas kwotazzjoni għal din il-publikazzjoni gdida tal-Kunsill, sakemm ma taqbizx is-somma ta' Eur1164.

*Daħal il-Kunsillier Pierre Portelli għas-seduta fis-19.37*

4.4 Il-Kunsill qabel li ssir l-pubblikazzjoni għaliex mitt sena hija okkazjoni ta' darba.

4.5 Il-Kunsill irċieva talba mis-*Supporters Club* ta Sliema Wanderers li għaċ-ċelebrazzjonijiet tas-sena id-dieħla issir bandiera kbira. Il-Kunsill ma

qabilx li jipartecipa fl-ispejjes ghal din il-bandiera.

4.6 Il-Kunsillier D. Muscat talab li għal Jum tas-Sliema għas-sena dieħla l-Kunsill ikollu budget biex ikun jista jinvolvi l-baned kollha fl-istess ħin il-Kunsill ikun qiegħed jaghti s-support tiegħu.

4.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina issuġġeriet li din is-sena l-Kunsill ikun hemm għamel SSAF u s-sena d-dieħla jorganizza Sliema Day. Il-Kunsillier P. Portelli ma jaqbilx li għandu jsir hekk jaqbel li dawn huma attivitajiet differenti u għandhom isiru t-tnejn. Il-Kunsillier D. Muscat qal li Sliema Day għandha tingħata importanza. Kunsill qabel li għandu jahdem biex isiru iz-zewg attivitajiet. *Sliema Day*

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

5.1 Is-Sindku saqsa x'ser tkun il-pozizzjoni tal-Kunsill jekk ikollna talbiet li jitpoġġew mwejjed u siġġijiet fi Triq Bisazza għalkemm id-deċizjoni tal-Kunsill ma tkunx il-waħda finali, izda din tkun mil-Lands. *Talbiet – Mwejjed u Siggijiet*

5.2 Wara diskussjoni shiħa ġie deċiz li dawn it-talbiet għandhom jiġu trattati bħal kull talba oħra li nirċievu mil-Lands għal 'no objection' u l-Kunsill jiddeċiedi fuq l-applikazjoni u *s-site plan* li jirċievi.

5.3 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li jsir manutenzjoni fi Triq Pjazza Sant'Anna tal-bankijiet taz-zonqor li hemm madwar is-siġar. Kien hemm qbil li jsir kif ukoll jitwaħħal railing madwar. *Pjazza Sant'Anna*

5.4 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-preparazzjonijiet tal-attivita SSAF għaddejjin u l-avvizi fuq Vibe FM u Bay Radio qegħdin jinstemgħu. *SSAF*

5.5 Il-Kunsillier P. Portelli ssuġġerixxa li jkun hemm *'joggers lane'* matul il-promenade (min-naħa il-wiesgħa mit-Torri sa' Tigne) u (Tigne sa Square Deal) *Joggers Lane*

5.6 Ġie diskuss ukoll li hemm bzonn li jkun hemm basketball area f Tas-Sliema pero ma ttieħdet l-ebda deċzjoni.

5.7 *Is-Seduta ġiet sospiza fit-20.30 u kien hemm l-accountant C. Vella u ta' spjegazzjoni dwar ir-risposta li l-Kunsill se jkun qiegħed jagħti għal managment letter. Is-seduta kompliet fit-20.55*

5.8 Fost affarjiet oħra ġew innutati xi punti dwar il-*management letter* u l-Kunsill qabel li l-allowance tal-ex Sindku Nikki Dimech li kellu jirritorna li qegħdin jitolbu id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jiġu mnizzla bħala 'Bad Debts' fil kotba tal-Kunsill. Fil-*management letter* ġie innotat wkoll in-nuqqas ta' attendenza tal-ex Kunsillier N. Gauci. Il-Kunsill innota wkoll li kien hemm nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier K. Busietta, ma dan kollu il-Kunsill qabel li r-raġuni hija valida kif ukoll ġustifikata. Il-kunsill qabel ukoll mar-risposti li se jkun qiegħed jaghti dwar il-managment letter. *Managment letter.*

5.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li se jkun hemm il-harġa għall-Għawdex fil-25 ta' Ġunju, 2014

5.10 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li qiegħed ikun hawn wisq toroq magħluqin fejn xulxin. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jista jkun hemm aktar koordinazzjoni bejn *trench* u *crane permits*, min-naħa l-oħra mhux dejjem ikun hemm permess tal-Kunsill u l-kuntrattur ikun ħadem bla permess għaliex il-Kunsill għandu policy li ma jagħtix permessi f'toroq fejn xulxin. *Permessi*

5.11 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li Pjazza Sant'Anna għandha bzonn ħasla. Is-Sindku infurma li l-Ministru J. Mizzi irid iħabbar l-iskeda għat-tindif daqt. *Pjazza Sant'Anna*

5.12 Il-Kunsilliera L. Cassar infurmat li qiegħed ikun hemm wisq garbage ma kullimkien u ħafna mhux qegħdin joħorġu l-borza fil-ħin it-tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jekk hemm xi blokkok li qegħdin jagħmlu hekk u l-Kunsilliera jafu l-indirizz tagħhom jibgħatu l-Kunsill u l-Kunsill jibgħat ittra kif ukoll *green wardens* għall-aktar infurzar. *Skart*

5.13 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hawn ħafna garaxxijiet li ma jintużawx għall-karozzi u qegħdin jieħdu parkeġġ għal xejn. Is-Sindku qal li kull rapport li jkollna nressquh lill-pulizija u jieħdu l-attenzjoni meħtieġa. Is-Sindku appella lill-Kunsilliera li min ikun jaf b'xi kaz jinfurmana u l-Kunsill iressaq ir-rapport lill-pulizija. *Garaxxijiet*

*Il-Kunsilliera L. Cassar ġiet skużata li titlaq mis-seduta 21.15*

5.14 Il-Kunsillier P. Radmilli infurma li jagħmel parti mil-*working group* li qiegħed jiġi koordinat mil-*managment committee* u qal li ressaq dawn it-tlett proposti:

1. Fir-riforma tal-gwardjani lokali ikun *monitoring tas-sistema* u jibqa l-kuntatt bejn ir-residenti.
2. Isir talba għal toroq arterji f'Tas-Sliema
3. Assistenza lis-Segretarju Eżekuttiv

5.15 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa dwar in-nuqqas ta' attendenza tal-ambaxxatur. Is-Sindku għamel kuntatt ma' missier l-ambaxxatur izda għadu ma weġibx.

5.16 Il-Kunsill qabel li għandu jsir ħasil tal-bins tat-toroq.

5.17 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kampanja billi jippromovi xi tip ta' spray, li s-sidien tal-klieb għandhom ilkollhom biex il-klieb jħamġux il-bankini. Il-Kunsillier P. Portelli qabel ma din il-proposta u qal li din tista tiġi provduta mill-Kunsill bħala inċentiv (Kif qegħdin jitqassmu l-boroż tal-klieb).

5.18 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-bins li se jipprovdu l-Gvern għal Playing Fields hux se jkunu *recycling bins*, qal li jekk ma jkunux għal *seperated waste* ikun jaqbel li l-Kunsill jagħmilhom hu. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li bħala pajjiz jekk naqbzu l-ammont ta' skart li jintefa' fil- *Recycling bins*

landfill, il-pajjiż jaqla l-multi. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jrid isir xi ħaġa biex naghtu s-sehem taghna.

5.19 Il-Kunsillier D. Muscat qal li hawn ħafna spralli mkissra u qegħdin jiġu moghtija b'injama. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ispralli huma responsabbilta tas-sidien izda jekk ikun hemm sprall perikoluz u d-dar tkun abbandunata dan isir mill-Kunsill. *Spralli mkissra*

5.20 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris qalet li fis-site ta' Triq Dingli (in-naħa ta' fuq) m'hemmx dawl u qiegħed perikoluz. Il-Kunsill għandu jkellem lill-perit taghhom. *Site – Upper Dingli*

5.21 Il-Kunsillier J. Pillow informa li xogħol ta' kostruzzjoni li hemm fi Triq Locker fadalu l-aħħar ġimgħa.

5.22 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar it-toilets tax-Xatt. Qalet ikun tajjeb kieku l-Kunsill ikollu kamra bil-latrina pubblika kif ukoll *Tourist Information Office*. Il-Kunsillier J. Pillow qal li kien għamel din il-proposta u l-Kunsill ghamel il-*mobile toilets* b'mod temporanju sakemm tinstab l-aħjar soluzzjoni. Is-Sindku ghandu jitkellem waqt *Tourism Zone Committee.* *Toilets tax-Xatt*

5.23 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ressqet talba li kellha minn Sliema Pitch fejn talbu ghall-ghajnuna. Il-Kunsill fakkar li kien diġa ha pozizzjoni fuq dawn it-tip ta' talbiet ghaliex ma jistax jaghmel donazzjonijiet.

5.24 Il-Kunsilliera D. Muscat u P. Portelli se jkunu qeghdin jifformolaw *policies* u jressquhom Kunsill ghall-approvazzjoni.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fl-10pm. Seduta oħra ġiet imsejħa ghall-Ħamis 24 ta' Lulju 2014 fis-6pm.

Minuti approvati llum 24/07/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**